MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2006

Numru 219/2006

Il-Pulizija
(Sp Stephen Mallia)
vs
Jair frendo, iben Louis,
imwieled San Ġiljan
fil-21 ta' jannar, 1980

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-17 ta' mejju, 2004 u fit-18 ta' mejju, 2004, f'xi ħin bejn il-ħdax neqsin kwart ta' bil-lejl u is-sitta ta' fil-għodu, f'Ta' Xbiex, ikkometta serq ta' amplifajer ta' marka u ta' numru serjali mhux magħrufa, minn ġo vettura tal-marka Peugeot 306, bin-numru tar-reġistrazzjoni FAD 514, liema serq ma jeċċedix il-mitt lira maltin (Lm100) u li hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-dannu ta' Elton Agius minn Ta' Xbiex;

2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara hi ta' iżjed minn ħamsin lira maltin (Lm50) iżda anqas minn ħames mitt lira maltin (Lm500), u cioe' fl-istess vettura tal-marka Peugeot 306, bin-numru tar-reġistrazzjoni FAD 514, għad-dannu ta' Elton Agius minn Ta' Xbiex;
3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, malli sar jaf li xi ħaġa li kienet fil-pussess tiegħu kienet ħaġa misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgħarraf lill-pulizija b'dak il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta sar jaf.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-kaġ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' ġunju, 2006 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li hi qed tirtira l-każ kontra Jair Frendo minħabba nuqqas ta' provi.

Għaldaqstant, in vista tad-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni fis-seduta odjerna tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-każ.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------